TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 45/15/GB

**Christine Cassar Torreggiani**

**vs**

**Maltapost plc**

Illum 22 ta' April 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn hamsa u sebghin Ewro (€275.00), rapprezentanti l-ammont ta' mitejn hamsa u sittin Ewro (€265.00) li hija hallset ghal arloġġ li nxtara minn fuq l-internet, pero' li qatt ma gie kkonsenjat mis-socjeta' ntimata, u rapprezentanti wkoll danni morali fl-ammont ta' ghaxar Ewro (€10.00).

Is-socjeta′ ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero′ attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema′ x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fis-27 ta' Novembru 2014, hija xtrat arloġġ minghand 'Amazon'. Kienet ikkuntattjat lill-venditur sabiex tara ghalfejn kien qed idum daqshekk sabiex jiġi kkonsenjat lilha, fejn ir-risposta kienet illi l-arlogg kien gie kkonsenjat Malta fid-29 ta' Novembru 2014 u n-numru tat-'tracking' ukoll kien juri li l-arlogg kien gie kkonsejat mill-'courier' tas-socjeta' ntimata fid-29 ta' Novembru 2014 fis-6:01pm.

Il-pakkett kien indirizzat lill-ufficcju tar-rikorrenti, fejn ma jkun hemm hadd matul il-' weekend', peress li l-ufficcju jkun miftuh biss mit-Tnejn sal-Gimgha sat-3:30pm.

Ir-rikorrenti ppruvat issolvi din il-kwistjoni mas-socjeta' ntimata, pero' kien kollu ghal xejn, ghaliex il-'courier', Claudia, qalet illi hija kienet habbtet mal-bieb ta' l-ufficcju u ffirmat hija

stess illi l-pakkett kien ġie kkonsenjat. Claudia qalet illi meta hija kienet se titlaq, raġel kien fetah il-bieb u hi halliet il-pakkett mieghu.

Ir-rikorrenti tikkonferma illi dan kien impossibbli stante illi ma jkun hemm hadd l-ufficcju dak il-hin ghaliex ikun maghluq.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn hija kkonfermat il-prezz ta' l-arlogg in kwistjoni.

Ir-rikorrenti ezebiet dokument bhala prova ta' l-arlogg li nxtara, li gie mmarkat bhala Dok.CCT1; kopja tal-korrispondenza mal-venditur, li giet immarkata bhala Dok.CCT2; u kopja ta' email mis-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.CCT3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata ma kienitx ippreżentat risposta bil-miktub u ghalhekk baqghat kontumaci.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, l-ewwelnett jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma ppreżentat l-ebda risposta bil-miktub ghat-talba in kwistjoni. Tieninett, it-Tribunal, filwaqt li jinnota n-nuqqas ta' prova tal-konsenja da parti tas-socjeta' ntimata li baqghat kontumaci, u jinnota wkoll li l-arlogg in kwistjoni baqa' ma giex ikkonsenjat lir-rikorrenti konsumatur, jikkonkludi illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament car li l-arlogg in kwistjoni twassal Malta, u li allura jew intilef meta kien fil-pussess tas-socjeta' ntimata, jew gie kkonsenjat lil terzi persuni. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mitejn hamsa u sebghin Ewro (€275.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**